



Brussell, 16 ta' Frar 2026
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0163 (NLE)
2025/0162 (NLE)

10565/25
ADD 1

AELE 54
CH 20
MI 426

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u mill-Konfederazzjoni
Żvizzera dwar l-istabbiliment ta' Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-pakkett
bilaterali wiesa' u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
DWAR L-ISTABBILIMENT TA' DJALOGU TA' LIVELL GĦOLI
DWAR IL-PAKKETT BILATERALI WIESA'
U L-IŻVILUPP ULTERJURI POSSIBBLI
TAR-RELAZZJONIJIET BILATERALI BEJN
L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA

L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera,

FILWAQT LI JQISU r-rabtiet reċiproċi mill-qrib bejniethom abbażi tal-prossimità, il-valuri kondiviżi u l-kultura Ewropea komuni tagħhom, kif ukoll il-fatt li l-ekonomiji tagħhom huma interkonnessi ħafna mil-lat ta' kummerċ u investimenti,

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-objettiv li jikkontribwixxu għat-twettiq bla xkiel u t-tkomplija tal-iżvilupp tas-sħubija komprensiva tal-Unjoni Ewropea u tal-Iżvizzera sal-potenzjal sħiħ tagħha,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-Fehim Komuni tas-27 ta' Ottubru 2023, bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill Federali Żvizzeru u l-Kummissjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tiegħu,

FILWAQT LI JILQGĦU l-konklużjoni, f'Diċembru 2024, tan-negozjati dwar il-pakkett bilaterali wiesa' għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom,

jiddikjaraw li ser jiġi stabbilit djalogu ta' livell għoli, li:

- ser ikun kopresedut mill-Kummissarju responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Iżvizzera u mill-Kap tad-Dipartiment Federali għall-Affarijiet Barranin Żvizzeru;
- ser ikollu l-għan li jippromwovi fehim reċiproku u kooperazzjoni dwar il-pakkett bilaterali wiesa' nnegozjat u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom;
- ser jiddiskuti kwistjonijiet ta' interess reċiproku, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern u l-possibbiltajiet li tissaħħaħ is-sħubija bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea; u
- ser jevalwa regolarment l-implimentazzjoni tal-pakkett bilaterali wiesa', il-ħidma tal-Kumitati Konġunti u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

Id-djalogu ta' livell għoli ser isir kull sena, b'mod alternat fl-Iżvizzera u fi Brussell, biex jiġi rieżaminat il-progress u tiġi diskussa l-kooperazzjoni futura. L-ewwel djalogu ser isir fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-pakkett bilaterali wiesa' u l-modalitajiet dettaljati tiegħu ser jiġu definiti b'mod konġunt f'din l-okkażjoni.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta' djalogu politiku dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kap tad-Dipartiment Federali għall-Affarijiet Barranin Żvizzeru, li jiġi ttrattat separatament.

Iffirmata fi [post], fi [data], f'żewġ kopji bil-lingwa Inġliża u Franċiża.

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Konfederazzjoni Żvizzeri
